ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 42** **IT-TNEJN 27 TA' APRIL 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 27 ta' April 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Robert Reno Cremona, Jerome Caruana Cilia, Antoine Saliba Haig, Margaret Mercieca u Sean Meli.

Is-S.E. informa li l-Kunsillier Robert Reno Cremona infurmah bil-miktub li ma setgħax jattendi għas-seduta peress li kien se jkun imsiefer, u l-Kunsillier Jason Busuttil infurmah bil-miktub li ma setgħax jattendi għas-seduta peress li kellu impenji oħrajn.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u għalhekk il-Kunsilliera Jason Busuttil u Robert Reno Cremona ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**42/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 41**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 41 li nżammet nhar il-Ħamis 16 ta' April 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 41 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**42/02 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' APRIL 2015**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2015, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' April 2015
**b)** *Bank Payments* April 2015.
**c)** *Petty Cash* April 2015.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**42/03 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU AWDIJAT**

**42/03/01** Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ma kienx hemm aġġustamenti mill-awditur iżda kien hemm xi modifiċi fil-preżentazzjoni tar-rapporti u għaldaqstant qed jitressaq ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2014 kif awditjati mill-awditur imqabbad mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali. Is-Segretarju Eżekuttiv xtaq jfakkar li l-Kunsill fis-sena 2014 ħalla pożizzjoni pożittiva ta' Eur42,304.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet** mozzjoni għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport finanzjarju għas-sena 2014 kif awditjat mill-awditur. **DOK 'B'**

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni.**

**42/04 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 27 ta' April 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-07:20 ta' filgħaxija.

Rosianne Cutajar<br>Sindku

Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2015.